II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta’ Diċembru 2008**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta’ Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti**

(2008/939/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f’isem il-Komunità Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri biex testendi għal sena l-Ftehim u l-Protokolli eżistenti dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus, b’xi aġġustamenti tal-limiti kwantitattivi.

(2) Il-Ftehim fil-forma ta’ Skambji ta’ Ittri għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta’ Jannar 2009, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, soġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka mir-Repubblika tal-Belarus.

(3) Il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri għandu jiġi ffirmat f’isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-President tal-Kunsill huwa b’dan awtorizzat li jaħtar il-persuna/i mogħtija s-setgħa biex tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta’ April 1993, kif emendat l-aħħar u estiż permezz tal-ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri inizjalat fid-19 ta’ Ottubru 2007 f’isem il-Kommunità soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri huwa meħmuż ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Soġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta’ Jannar 2009, sakemm isiru l-konklużjonijiet formali tiegħu.

*Artikolu 3*

1. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus tonqos milli tissodisfa l-paragrafu 2.4 tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri, il-kwota għall-2009 titnaqqas għal-livelli applikabbli fl-2008.

2. Id-deċiżjoni li tiġi implimentata fil-paragrafu 1 għandha tittieħed skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta’ Ottubru 1993 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta’ ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi ([1]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta’ Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
B. KOUCHNER

([1]) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1.